STRUZZJONIJIET GĦAL JUM IL-KONKORS

Il-konkors online tal-Juvenes Translatores (JT) se jsir nhar il-Ħamis 27 ta' Novembru 2025 bejn l-10 ta' filgħodu u nofsinhar (ħin ta' Malta). Jekk għal xi raġuni ma tkunx tista' tieħu sehem fil-konkors, nitolbuk tinforma minnufih lit-tim tal-Juvenes Translatores bl-email DGT-TRANSLATORES@ec.europa.eu.

Ir-**Regoli tal-Konkors** jinsabu fuq il-website uffiċjali tal-Juvenes Translatores: Ħu sehem fil-konkors 2025-2026 – Multilingwiżmu, traduzzjoni u servizzi tal-AI bbażati fuq il-lingwa.

Struzzjonijiet oħra utli għal **Jum il-Konkors**:

1. Il-konkors se jsir simultanjament nhar **il-Ħamis 27 ta' Novembru 2025** f'dawn **il-ħinijiet lokali**:
   a. 8:00 - 10:00 fl-Azores;
   b. 9:00 - 11:00 fil-Portugall (ħlief l-Azores), il-Gżejjer Kanarji u l-Irlanda;
   c. 10:00 - 12:00 fil-Belġju, in-Netherlands, il-Lussemburgu, Franza (ħlief ir-Réunion u Guadeloupe), il-Ġermanja, Spanja (ħlief il-Gżejjer Kanarji), l-Italja, l-Awstrija, id-Danimarka, l-Iżvezja, iċ-Ċekja, is-Slovakkja, l-Ungerija, is-Slovenja, il-Kroazja, Malta u l-Polonja;
   d. 11:00 - 13:00 f'Ċipru, il-Greċja, il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Litwanja, il-Latvja, l-Estonja u l-Finlandja;
   e. 13:00 - 15:00 f'Réunion;
   f. id-Dipartimenti u t-Territorji Franċiżi 'l barra minn Franza, u n-Netherlands tal-Karibew: *japplikaw regoli speċjali*.

2. Il-konkors se jiġi organizzat hekk:

Il-konkors se jsir skont l-arranġamenti individwali li jagħmlu l-iskejjel, jiġifieri l-kamra, l-apparati tal-IT, l-inviġilaturi, eċċ. (ara r-Regoli tal-Konkors).

It-traduzzjonijiet jeħtieġ jitlestew fil-ħin uffiċjali allokat għall-konkors. Madankollu, jekk għal xi raġuni teknika l-istudenti jilloggjaw sa xi 15-il minuta tard, il-pjattaforma tal-konkors tagħtihom il-ħin li jkunu tilfu. **Kull parteċipant ikollu sagħtejn għat-traduzzjoni.** Madankollu, jekk għal xi raġuni teknika l-istudenti jilloggjaw sa xi 15-il minuta tard, il-pjattaforma tal-konkors mhux se tħallihom jissottomettu t-traduzzjonijiet tagħhom minnha, u minflok ikollhom jibagħtuhom minnufih bl-email imsemmi hawn fuq.

F'jum il-konkors, il-**parteċipanti jeħtieġ jilloggjaw fuq il-pjattaforma tal-konkors** (https://jt.ec.europa.eu) **bil-username u l-password** li jkunu ngħataw meta rreġistraw (l-email tintbagħat lill-iskola wara r-reġistrazzjoni tal-istudenti, u tkun tista' tinstab ukoll fuq il-pjattaforma tal-konkors, fil-paġna ġenerali (overview) tal-parteċipanti tal-iskola).

⚠️ **Aħna nirrakkomandaw ferm li l-parteċipanti jittestjaw l-aċċess tagħhom għall-pjattaforma tal-konkors minn qabel il-konkors**, billi jilloggjaw fil-website bil-username u l-password mogħtija lilhom. It-test li jrid jiġi tradott mhux se jkun qed jidher fuq il-pjattaforma qabel il-jum u l-ħin eżatt tal-konkors, u l-pjattaforma mhux se

tħalli lill-parteċipanti jissejvjaw fuqha xi kitbiet minn qabel. Dan l-aċċess qed nirrakkomandawh biss bħala prova minn qabel ħalli nevitaw problemi bl-aċċess għall-pjattaforma dakinhar tal-konkors.

⚠ **Jekk xi parteċipanti jilloggjaw fil-profil tagħhom qabel il-ħin tal-konkors (qabel l-10:00am, ħin ta' Malta), dawn jeħtieġ jagħmlu *REFRESH tal-paġna fl-10:00am*** biex ikunu jistgħu jaraw it-test għat-traduzzjoni fuq ix-xellug tal-iskrin u jibdew jittraduċu. It-test tradott jeħtieġ tinkiteb fuq in-naħa tal-lemin tal-iskrin. Meta l-parteċipanti jiffriskaw il-paġna fl-10:00am, apparti t-test għat-traduzzjoni, fuq in-naħa t'isfel tal-iskrin ifeġġu wkoll żewġ buttuni "Issejvja t-traduzzjoni tiegħek" u "Issottometti t-traduzzjoni FINALI".

⚠ **L-għażla tal-pari tal-lingwi minn kull parteċipant** jeħtieġ issir waqt ir-reġistrazzjoni tal-parteċipanti fuq il-pjattaforma tal-konkors. Dik l-għażla ma tkunx tista' titbiddel wara d-data tal-għeluq, id-19 ta' Novembru 2025. Għalhekk tajjeb li **tiċċekkjaw darba darbtejn u minn qabel il-konkors li dik l-informazzjoni** fuq il-pjattaforma tal-konkors tkun korretta.

Il-parteċipanti se jittraduċu online (mhux fuq karta) u jissottomettu t-traduzzjoni tagħhom fuq il-pjattaforma tal-konkors.

Qabel jgħaddi l-ħin tal-konkors, il-parteċipanti jeħtieġ:

- ⚠ **jissejvjaw it-test tagħhom b'mod regolari** tul il-konkors bil-buttuna "Issejvja t-traduzzjoni tiegħek".
- jissottomettu t-test tradott tagħhom bil-buttuna "Issottometti t-traduzzjoni FINALI".

Imbagħad ikunu jistgħu jiftħu PDF u jipprintjaw it-traduzzjoni. Din il-possibbiltà tingħata wara li jkunu għafsu "Issejvja t-traduzzjoni tiegħek" u "Issottometti t-traduzzjoni FINALI".

Jekk għal xi raġunijiet li ma jkunux fil-kontroll tagħha, l-iskola ma tkunx tista' tissottometti t-traduzzjonijiet kif spjegat hawn fuq, l-iskola jeħtieġ tikkuntattja lit-tim tal-JT bl-email għall-istruzzjonijiet.

3. Wara l-konkors, meta l-għalliema jilloggjaw fil-profil tal-iskola fuq il-pjattaforma tal-konkors (https://jt.ec.europa.eu) u jmorru fil-**paġna ġenerali (overview) tal-parteċipanti tal-iskola**, din se tippermettilhom **jagħmlu diversi azzjonijiet oħra**, fosthom:

- jaraw u jniżżlu t-traduzzjonijiet tal-parteċipanti;
- iniżżlu ċ-ċertifikati tal-parteċipazzjoni, meta jkunu disponibbli (ara l-punt 11 hawn taħt); jew
- iniżżlu ċertifikat ta' apprezzament speċjali, jekk xi parteċipant jirċievi apprezzament speċjali (ara l-punt 12 hawn taħt).

4. Nhar is-27 ta' Novembru, **l-iskejjel parteċipanti kollha jeħtieġ jiżguraw li**:

- l-identitajiet tal-istudenti jkunu l-istess bħal dawk fir-reġistrazzjoni;
- jagħmlu inviġilazzjoni tal-konkors;
- l-istudenti kollha jkunu twieldu fl-2008;
- jipprovdu faċilitajiet xierqa, apparati tal-IT u inviġilaturi biex jissorveljaw lill-istudenti waqt il-konkors;
- l-istudenti parteċipanti, u l-ġenituri/gwardjani tagħhom, ikunu midħla ta' dawn ir-regoli u l-istruzzjonijiet u jaqblu magħhom;
- il-konkors isir f'kundizzjonijiet ġusti u imparzjali.

5. L-istudenti **jistgħu jużaw dizzjunarji stampati u/jew online (monolingwi jew bilingwi)**.

⚠ **Jistgħu** jużaw ukoll:

- dizzjunarji *stampati* u/jew *online*

Id-dizzjunarji huma għodod professjonali indispensabbli u għalhekk **il-parteċipanti jistgħu jużaw dizzjunarji stampati u/jew online**. Jistgħu jużaw dizzjunarji monolingwi jew bilingwi.

⚠ **Ma jistgħux** użaw:

- ċekkjaturi tal-ortografija
- għodod tat-traduzzjoni bl-għajnuna tal-kompjuter (CAT)
- traduzzjoni awtomatika (eż. Google Translate, DeepL)
- l-intelligenza artifiċjali (AI)

Jekk tintuża xi għodda minn dawn, it-traduzzjoni kkonċernata tiġi skwalifikata.

Jekk ikunu meħtieġa arranġamenti partikolari għal xi studenti b'diżabbiltà, aqra l-paragrafu 4 tar-Regoli tal-Konkors u ibgħat email lit-tim tal-JT għal approvazzjoni bil-quddiem.

15-il minuta qabel jibda l-konkors, it-**testi oriġinali** għat-traduzzjoni se jkunu qed jiġu ppubblikati fuq il-website uffiċjali tal-Juvenes Translatores: Ħu sehem fil-konkors 2025-2026 – Multilingwiżmu, traduzzjoni u servizzi tal-AI bbażati fuq il-lingwa. Kif spjegat fil-punt 2, meta jaċċessa l-pjattaforma tal-konkors, kull student se jkun jista' jara awtomatikament it-test oriġinali fuq l-iskrin bil-lingwa sors li tkun intgħażlet waqt ir-reġistrazzjoni; iżda t-testi oriġinali jistgħu wkoll jiġu pprintjati. Għalhekk, dawn se jkunu disponibbli fuq il-website uffiċjali tagħna ftit minuti qabel jibda l-konkors. Madankollu importanti li t-testi oriġinali jingħataw biss lill-istudenti malli jibda l-ħin uffiċjali tal-konkors, mhux qabel.

Jekk ma tkunx tista' ssib it-testi fuq il-website, aktarx tkun trid tiffriska l-paġna billi tagħfas il-**CTRL** u l-**F5** fuq it-tastiera f'daqqa. Jekk it-traduzzjonijiet sottomessi f'jum il-konkors ma jkunux jirrispettaw il-pari tal-lingwi indikati fir-reġistrazzjoni tal-istudenti, dawn jiġu skwalifikati.

6. **Jekk malli jibda l-ħin tal-konkors tinqala' xi problema teknika ġenerali**, jew ikun hemm problemi konsistenti bil-login, jew xi problemi kbar oħrajn ta' bblokkjar, importanti li:

- **Tibqgħu kalmi** għax se nsibu soluzzjoni żgur;
- Iżżuru l-**paġna fuq Facebook** https://www.facebook.com/translatingforeurope_for għal **messaġġi urġenti jew informazzjoni** li possibbilment jitqiegħdu hemmhekk bl-istruzzjonijiet;
- Tibdew it-traduzzjonijiet bil-mod l-ieħor (il-backup) billi:

  - tniżżlu t-testi sors li jkunu ġew ippubblikati fil-frattemp fuq il-website uffiċjali tal-Juvenes Translatores: Ħu sehem fil-konkors 2025-2026 – Multilingwiżmu, traduzzjoni u servizzi tal-AI bbażati fuq il-lingwa malli beda l-ħin tal-konkors (ara l-punt 5 hawn fuq), u

  - tittraduċu bil-Microsoft Word jew bi programmi simili oħrajn (b'mod elettroniku, mhux fuq karta).

B'dan il-mod, il-parteċipanti eventwalment ikunu jistgħu:

a) jagħmlu copy/paste tat-traduzzjoni tagħhom fuq il-pjattaforma tal-konkors meta tissolva l-problema teknika u jissottomettu t-traduzzjoni fuq il-pjattaforma tal-konkors kif kien maħsub fil-bidu; jew

b) jekk il-problema teknika tibqa' ma tissolviex sa tmiem il-konkors, l-għalliema jkunu jistgħu jibagħtu l-verżjonijiet elettroniċi tat-traduzzjonijiet tal-parteċipanti bl-email, imbagħad it-tim tal-JT itellagħhom ilkoll fil-profili tal-parteċipanti biex it-tradutturi tad-DĠ ikunu jistgħu jassessjawhom kollha mis-sistema.

7. Nhar is-27 ta' Novembru, it-tim tal-JT se jkun disponibbli biex iwieġeb bil-lingwa tiegħek kull mistoqsija li jkollok bl-email DGT-TRANSLATORES@ec.europa.eu.

8. Id-DĠT japprezza r-rispons tiegħek dwar il-konkors. L-iskejjel jistgħu jibagħtu ritratti tal-istudenti qabel, waqt jew wara l-konkors. Napprezzaw ukoll jekk ittellgħu l-impressjonijiet, ir-ritratti u l-filmati tagħkom fuq il-paġna tagħna ta' Facebook (https://www.facebook.com/translatingforeurope), jew titteggjaw l-Instagram tagħna (@TranslatingforEurope) jew tużaw il-hashtag #translatingforEurope meta tippowstjaw xi materjal fuq il-profili tagħkom.

* Meta tibagħtulna r-ritratti, tkunu qed tawtorizzawna nippubblikawhom.

9. Nistednukom taqraw ir-**Regoli tal-Konkors** fuq il-website uffiċjali tal-Juvenes Translatores: Ħu sehem fil-konkors 2025-2026 – Multilingwiżmu, traduzzjoni u servizzi tal-AI bbażati fuq il-lingwa.

10. Infakkru lill-għalliema u lill-istudenti li dan il-konkors tat-traduzzjoni għandu jitqies bħala eżerċizzju waħdieni, bħal kull eżami ieħor tal-iskola. L-għalliema m'għandhomx jgħinu lill-istudenti tagħhom, u l-istudenti m'għandhomx jaħdmu flimkien. Jekk l-eżaminaturi jissuspettaw xi qerq, l-iskola tirriskja li tiġi eskluża.

11. Il-parteċipanti u l-għalliema kollha se jirċievu **ċertifikat**. L-iskejjel kollha parteċipanti fil-konkors se jirċievu email b'link għall-pjattaforma tal-konkors. Minn hemm ikun jista' jitniżżel ċertifikat tal-parteċipazzjoni għal kull student li jkun issottometta traduzzjoni. Jista' jitniżżel ukoll ċertifikat għall-għalliema li jkunu organizzaw il-konkors fl-iskola rispettiva. Dawn se jkunu jistgħu jitniżżlu bejn Frar 2026 u tmiem Mejju 2026. Aktar struzzjonijiet tirċevuhom iżjed tard.

12. Xi parteċipanti jaf jiksbu wkoll **apprezzament speċjali**, jekk it-traduzzjonijiet tagħhom ikollhom kwalità eċċellenti. L-għalliema kkonċernati se jiġu infurmati dwar dan fl-istess ħin bl-email. Dan se jsir wara li jitħabbru r-rebbieħa, lejn tmiem Frar 2026. Kif inhu xieraq, anki l-ismijiet tal-istudenti li jiksbu apprezzament speċjali se jiġu ppubblikati fuq il-website uffiċjali tal-JT.

13. Fil-jiem li ġejjin se tkunu qed tirċievu wkoll xi materjal promozzjonali.

14. Id-DĠT se jippubblika l-ismijiet tar-rebbieħa u t-traduzzjonijiet tagħhom fuq il-**website uffiċjali tal-JT fil-bidu ta' Frar 2026**, u r-rebbieħa se jiġu mistiedna għal **ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet fi Brussell fir-rebbiegħa tal-2026**. Il-Kummissjoni se tagħmel l-arranġamenti meħtieġa u tħallas għall-vjaġġ u l-akkomodazzjoni għal rebbieħ wieħed jew rebbieħa waħda, sa żewġ ġenituri/gwardjani, u għalliem minn kull pajjiż tal-UE.

Jekk għandek xi mistoqsijiet oħrajn:

- Żur il-website tal-Juvenes Translatores: Ħu sehem fil-konkors 2025-2026 – Multilingwiżmu, traduzzjoni u servizzi tal-AI bbażati fuq il-lingwa
- Ibgħat il-mistoqsijiet lit-tim tal-Juvenes Translatores bl-email DGT-TRANSLATORES@ec.europa.eu
- Staqsi lill-persuna tal-kuntatt tal-JT fl-uffiċċju lokali tad-DĠT f'pajjiżek (https://commission.europa.eu/about-european-commission/departments-and-executive-agencies/translation/dg-translation-local-offices_en)
- Żur il-paġna tagħna fuq Facebook: https://www.facebook.com/translatingforeurope
- Żur Instagram: translatingforeurope

Awguri!

It-tim tal-Juvenes Translatores